# L-Ark tal-Pjazza Mitt Sena Ilu



**Mario Fenech**

Din is-sena il-Knisja f'Malta qiegħda tfakkar wieħed mill-akbar avvenimenti li qatt saru fl-istorja tagħha. Bejn it-24 u s-27 ta' April tas-sena 1913 kien sar il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f' Malta.

Dak in-nhar kienu ġew Malta rappreżentanti tal-Knisja Kattolika minn madwar id-Dinja kollha mmexxija mid-delegat tal-Papa l-Kardinal Domenico Ferrata.

Kienu twaqqfu kumitati u gruppi ta' nies biex iħejju bl-aħjar mod għal dan il-Kungress Ewkaristiku li kien ser ikun okkażjoni speċjali għall-Knisja f'Malta sabiex turi lid-dinja kollha kemm kienet qawwija d-devozzjoni lejn l-Ewkaristija Mqaddsa fost il-poplu.

Kienu saru appelli biex dawk il-parroċċi li għandhom xi armar ta' barra tal-festi biex jisilfuh għal din l-okkażjoni, u kien hemm ukoll armar li kien sar biex jintrama għall-ewwel darba waqt il-kungress.

Il-Mosta fejn kienet saret iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-kungress, l-armar ħadu ħsiebu l-Mostin stess, ir-Rabat u l-Imdina armaw it-toroq il-Grupp tal-armar tal-festa tal-Korpus u San Pawl fil-parti ta' ħdejn il-Kolleġġjata ta' San Pawl, fil-waqt li l-Arċi-Konfraternita ta' San Ġużepp tar-Rabat ħadet ħsieb tarma l-Pjazza ta' quddiem il-Katidral tal-Mdina.

Fil-Belt u fil-Furjana ntrama ħafna armar tal-festi ta' dawn il-lokalitajiet kif ukoll armar ta' festi oħrajn. Fost dan l-armar kien hemm numru ta' statwi, pilandri bil-globi li jinxtegħlu biż-żejt,u ż-żewġ pilandri kbar li huma parti mil-armar tal-festa tas-S.S.M.U. Salvatur li jintramaw fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali ta' Ħal-Lija.

Kien hemm armar ieħor li sar għal din l-okkażjoni fi Triq Rjali, il-Belt (il-lum Triq Ir-Repubblika) u l-famuża tribuna li ntramat fuq art quddiem il-ġnien tal-Mall fil-Furjana magħrufa bħala l-Għalqa tal-Biskuttin.

Fid-daħla ta' Puturjal eżatt bejn it-taraġ li kien iwassal għal fuq Puturjal u l-bini tat-Teatru Rjal intrama ark għoli b'erba kolonni bi globi b'anġli weqfin fuqhom bis-simboli tal-Ewkaristija f'idejhom.



Kif jidher minn dawn ir-ritratti dan l-ark kien jilqa' lil kull min jidħol fil-belt kapitali bil-kitba "**LAVDA MELITA SALVATOREM**" f'nofsu fil-għoli bis-simbolu tal-Ewkaristija fuqha.

Meta ntemm dan il-Kungress Ewkaristiku l-armar li kien sar għal din l-okkażjoni kien ġie mibjugħ lil diversi festi Malta u Għawdex. Fost dawn kien hemm il-parroċċa ta` San Ġwann il-Battista tax-Xewkija f'Għawdex.

Dan kien pass importanti ħafna għal din il-Parroċċa tax-Xewkija, għaliex il-lum tista tiftaħar li għad għandha dan l-ark li kien intuża f'din l-okkażjoni unika li saret f'Malta mitt sena ilu.

Kull min iżur il-pjazza ta' quddiem il-knisja monumentali tax-Xewkija waqt il-jiem tal-Festa ta' San Ġwann żgur li jolqot l-attenzjoni tiegħu dan l-ark fit-tarf tal-pjazza li minn taħtu tgħaddi l-purċissjoni u l-istatwa titulari ta' San Ġwann f'nhar il-festa.

**IL-FESTA T-TAJBA LIL KULLĦADD**

